## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 378/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Silvio Valletta)**

**(Spettur Alfred Mallia)**

**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Massimo Caruana**

Seduta tal-25 ta' April, 2022

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Massimo Caruana, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 91880M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Nhar id-19 ta' Novembru 2005, ghall-habta ta' 4.15am, gewwa l-Belt Valletta, bil-qerq, holoq jew gieghel li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'il

quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

2. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi ddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva, reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali, sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

3. F'dawn il-Gzejjer wara l-24 ta' Novembru 2005, bil-hsieb li jikseb ghalih innifsu jew ghal haddiehor, il-hlas ta' flus ta' sigurta' kontra riskji jew xi qliegh iehor mhux misthoqq, iddistrugga, xerred 'l hawn u 'l hemm, jew gharraq b'xi mezz li jkun hwejjeg tieghu;

4. Fl-14 ta' Marzu u fix-xhur ta' qabel ukoll wara nzul ix-xemx, b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru listess disposizzjoni tal-Ligi, u gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom seta' kellu l-uzu jew ilkonsum illeggittimu tal-kurrent elettriku ta' aktar minn Lm100.00 (mitt lira Maltin)1 izda anqas minn Lm1,000.00 (elf lira Maltin)2 fil-fond "San Mikiel", Triq Sant Anna, il-belt Valletta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-mitt lira3, u hin, bhala detentur tal-fond jew persuna li ghandha dan il-fond, instabu dawn il-mezzi qarrieqa ghaddetriment tal-Koperazzjoni Enemalta;

5. Fl-14 ta' Marzu, u x-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar (semi-automatic pistol) tal-marka

LORCIN bin-numru tas-serje 214920 minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija;

6. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-28 ta' Gunju, 2016 fejn il-Qorti ma ssibx lill-imputat Massimo Caruana hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'hekk illiberatu minnhom

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Lulju, 2016, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi (i) **tikkonfermaha** f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-imputat appellat mhux hati tar-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjoni; (ii) tirrevokaha u **thassarha** f'dik il-parti fejn sabet lill-imputat appellat mhux hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tas-sitt (6) imputazzjoni u minflok ssibu hati taghhom u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lill-partijiet;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell interpost mill-Avukat Generali wara sentenza liberatorja prolatata mill-ewwel Qorti fil-konfront tal-imputat appellat bil-gravam singolari tal-apprezzament zbaljat tal-provi mressqa ghall-kunsiderazzjoni taghha. Ghalkemm fl-aggravju uniku tieghu l-Avukat Generali jghid li l-ewwel Qorti ghamlet enuncazzjoni zbaljata tal-provi u interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-ligi mkien ma jindika jew mod iehor iressaq xi argumenti dwar fejn l-ewwel Qorti ghamlet tali enuncazzjoni, interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi u ghalhekk l-appell huwa essenzjalment wiehed dwar il-fatti;

2. Issa kif kostantement osservat minn din il-Qorti *qua* wahda ta' revizzjoni, l-kompitu taghha f'cirkostanzi konsimili hu li tara jekk l-ewwel Qorti setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha u mhux li tiddeciedi l-kaz mill-gdid b'mod li twarrab id-decide tal-ewwel Qorti. Dan il-principju jghodd ugwalment ghall-appell interpost mill-Avukat Generali u ghalhekk dak li ser taghmel il-Qorti hu li tezamina l-provi u l-atti sabiex tkun f'qaghda teddeciedi jekk id-decide tal-ewwel Qorti qabilha kienitx wahda li setghet tasal ghaliha b'mod ragjonevoli mill-provi mressqa ghall-kunsiderazzjoni taghha;

3. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fis-semplicita' taghhom, minghajr ma tnaqqas mill-gravita' tal-istess, li l-Pulizija kienu infurmati li zewg persuni kienu qieghdin dehlin u hergin minn kamra gewwa l-Belt Valletta u li dawn kienu qed iqanqlu suspett. Il-Pulizija minnufih rrikorrew fuq il-post u ghad li ghall-ewwel ma rawx dak rapportat, appena regghu daru ghal-fuq il-post lilhom indikat

lemhu zewg minn nies li harbu malli raw lill-Pulizija izda dawn kienu ntercettati u minn hemm spicca tressaq l-imputat appellat. F'din il-kamra instabu diversi oggetti fosthom arma tan-nar, ghadd ta' balaklava, ghodda ta' tqattiegh u "c-*chassis number*" ta' vettura li kienet tappartjeni lill-imputat u li kienet rappurtata misruqa u taghha kien risarcit mill-assikurazzjoni tieghu;

4. Il-prosekuzzjoni allegat illi din il-kamra kienet mikrija lill-certu Ruth Mifsud kif ukoll li kienet it-tfajla tal-imputat li kriet l-istess kamra lil certu Lovely Dianne Vella Casao sabiex din ikollha indirizz li bis-sahha tieghu tkun tista' tiehu xi beneficcji socjali. Fil-kamra instabet ittra indirizzata lil din tal-ahhar mibghuta mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali izda l-istess Casao qalet li ma setghetx taghmel uzu mill-kamra qabel ma tkun sbarazzata minn Mifsud. Jidher li l-prosekuzzjoni riedet b'dan kollu tipprova n-ness bejn l-imputat u l-kamra sabiex tipprova l-pussess li kellu l-imputat. Issa l-ewwel Qorti rrakkontat b'mod preciz dak li xehdu x-xhieda matul il-process quddiemha u ghalhekk ma hemmx htiega li dan l-ezercizzju jkun ripetut. Ezaminati dawk il-provi, l-Qorti tal-ewwel grad waslet ghall-konkluzzjoni li ma kienx pruvat l-allegat pussess li l-imputat kellu ta' din il-kamra. Anke jekk din il-Qorti mhix daqstant konvinta li kellu bilfors jkun pruvat tali pussess, l-atti processwali juru nuqqasijiet da parti tal-prosekuzzjoni li issa ma tistax tistenna li tressaq b'success talba ghall-revizzjoni;

5. Jibda biex jinghad illi dwar dawn il-fatti kienet ordnata inkjesta *in genere* li l-process verbal dwarha kien debitament esebit in atti. Gara, izda, illi mhux kull min xehed fl-*in genere* xehed quddiem il-Qorti u dan wassal ghall-proceduri verament

fjakki u bla hegga li huma riflessi f'dak verbalizzat mill-Qorti meta wissiet lill-prosekuzzjoni diversi drabi dwar in-nuqqas taghha li tressaq provi ghal zmien twil tant li l-istess Qorti kienet ddikjarat il-provi mghaluqa u regghet lura minn din l-ordni wara rikors tal-Pulizija. Kwantu dak li suppost kellu jorbot lill-imputat mal-kamra in kwistjoni, hija l-fehma ta' din il-Qorti li dak li kellu jkun pruvat fil-grad li trid il-ligi penali hu li l-imputat kellu xi ness maghha sabiex b'hekk jista' jinghad li kien qieghed idahhal jew jisbarazza oggetti komunement konessi ma' serq izda ma kienx imputat b'dan il-fatt. Hekk jista' jinghad dwar l-imqass li jaqta' l-hadid, segi, hbula, lievi, balaklavi, *grinders* (deskritti bhala "chasers" fl-atti processwali) oltre pistola;

6. Dan qed jinghad ghaliex minkejja li fil-hin li l-Pulizija doverosament u b'azzjoni tempestiva u f'waqtha tfaccaw fuq il-post lemhu tlett minn nies mal-bieb ta' din il-kamra fejn wiehed minnhom kien l-imputat. Il-prosekuzzjoni ressqet biss tnejn mill-ufficcjali tal-pulizija sabiex jixhdu quddiem il-Qorti meta wiehed minnhom kien ddepona ukoll fl-*in genere* izda mhux quddiem il-Qorti. PS 1098 kien car fi kliemu meta qal li nnota lill-imputat jghalaq kamra u magenbu kien hemm Costantino Gouder u Christopher Micallef u meta ghajtulhom telqu jigru izda rnexxielu jintercetta lill-istess Micallef f'kantuniera ohra. Huwa jerga' jikkonferma li ra lill-Caruana jghalaq il-kamra li kellha bieb ta' kulur blu. Issa, huwa palezi illi fit-termini tal-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali, "ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar" (u l-Qorti tfakkar illi dan huwa subinciz u forma ta' eccezzjoni ghar-regola principali li

ghandha dejjem tingieb l-ahjar prova), fi kwistjoni konsimili fejn persuna hija imputata bil-konsegwenzi tal-oggetti kollha misjuba f'din il-kamra, jidher li l-ewwel Qorti ma kienitx moralment konvinta minn dan;

7. Illi ghalkemm il-*proces verbal* huwa akkolt bhala prova shiha fi proceduri kriminali, ix-xhieda li jkunu ddeponew fl-*in genere* jehtieg li jixhdu *viva voce* quddiem il-Qorti sabiex b'hekk ikun sodisfatt il-vot tal-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali. Mill-*process verbal* esebit, jemergi illi l-perit tekniku nominat mill-Magistrat Inkwirenti kien ddepona *inter alia* PC 696 Marvic Vella u spjega kif PS 414 u PC 1098 kienu infurmati dwar il-movimenti suspettuzi u li meta marru fuq il-post, inkluz hu, raw zewg persuni quddiem bieb miftuh u mill-kamra hareg Massimo Caruana, sakkar il-bieb u t-tlieta telqu jigru. Zied jghid li meta nizlu mill-karozza (tas-servizz) raw tnejn barra u kif rawhom daru b'daharhom lejn il-pulizija u newwlu xi haga lil min kien gewwa u wara li hadha sakkar u harbu. PC 1098 spjega lill-espert tekniku izda f'aktar dettall dak li sehh u d-deposizzjoni tieghu takkludi l-istess fatti kif xehed PC 696. PS 414 kkonferma l-istess dettalji kif esposti minn PC 696 izda dan ma kienx daqstant dettaljat *viva voce*;

8. Il-Qorti tosserva ukoll illi fl-*in genere* kien nominat bhala espert tas-serologija s-Sur Christopher Farrugia li izda ma kienx ghadu rrelata meta inghalaq il-*proces verbal.* L-istess espert, izda, ma tressaqx mill-prosekuzzjoni sabiex jixhed dwar dak li kkonstata u x'seta' rrizultalu mill-ezamijiet minnu kondotti prezumibilment dwar il-balaklavi, ingwanti tas-suf u oggetti ohra li fuqhom setghu jsiru ezamijiet minn serologista;

9. Tajjeb izda li jkun osservat illi fl-appell tieghu, l-Avukat Generali qed jitlob il-konferma tas-sentenza kwantu din illiberat lill-imputat mill-fatti dwar is-serq tal-kurrent elettriku fl-istess kamra u dwar l-arma tan-nar hemm misjuba. Jifdal ghalhekk il-kwistjoni dwar l-ewwel, t-tieni u t-tielet imputazzjoni u l-addebitu tar-recidiva. L-allegazzjoni mressqa kontra l-imputat f'dan ir-rigward hi li ddenunzja fatti li bihom akkwista b'qerq kumpens ghas-serq tal-vettura tieghu ghad-detriment tas-socjeta' assikuratrici. Issa l-provi dwar dan, quddiem l-ewwel Qorti, jaggiraw dwar "numru ta' *chassis*" misjub gewwa din il-kamra liema numru huwa l-istess wiehed (qua figuri) tal-vettura li kienet tappartjeni lill-imputat u li kien rraporta bhala misruqa fejn allura ingiebet il-prova tar-rapport u l-prova ta' hlas da parti tas-socjeta' assikuratrici. Dwar dan in-numru, xehed rapprezentant ta' Trasport Malta u mid-dokument minnu esebit jirrizulta illi n-numru tax-*chassis* VF38PB8CE80237394 jappartjeni lill-vettura numru LAE 574 tal-ghamla Peugeot 406 rappurtata nieqsa. PC 1098 xehed li fil-kamra instabet "pjanca ta' karozza" "chassis number ta' karozza". L-Ispettur Trevor Micallef li dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta' surgent xehed illi fil-kamra instabet pjanca b'chassis number ta' vettura li mbaghad rrizulta li kienet tal-vettura LAE 574 rappurtata nieqsa. L-Ispettur Sivlio Valletta xehed ukoll li kien instab "*chassis number ta' vettura*". Tressqet ukoll prova li l-imputat kien risarcit ghas-serq tal-vettura b'dak in-numru. Fir-relazzjoni tal-espert tekniku jinsab elenku tal-oggetti li kien hemm fil-kamra u oggetti li kienu elevati u mehuda l-ghassa tal-pulizija izda dan l-inventarju ma jsemmi xejn dwar din il-"pjanca" ta' *chassis*. Fir-relazzjoni tas-SOCO PC 94 li fiha elenka l-oggetti li eleva mill-kamra ma hemm l-ebda referenza

ghall-din il-"pjanca". Fuq dawk l-oggetti ma nsabet l-ebda mpronta digitiali wara ezami u tfittxija ghal- dak il-ghan. Fir-relazzjoni tas-SOCO PC 453 li kellu l-inkarigu jiffotografa l-oggetti misjuba fil-kamra u l-kamra nnifisha, hemm elenku tar-ritratti mehuda izda ebda referenza ghall-din il-pjanca. Ezaminati r-ritratti mehuda, l-unika haga li tista' tixbah dak li tallega l-prosekuzzjoni tinsab fir-ritratt 06 ATN 140 li huwa deskritt bhala "Dehriet generali u close ups ta' l-oggetti li kienu gewwa l-fond imsemmi fuq". (fol 65 tal-proces verbal). Din tidher li hija pjanca rqiqa tal-metall cirka 11-il centimetru b'4 centimetri u tidher mqaccta minn fejn kienet mwahhla b'dan izda li ma jidhru l-ebda numri fuqha (dejjem jekk din hija l-pjanca li ghaliha tirreferi l-prosekuzzjoni);

10. Illi dwar fatt daqstant importanti li jirrigwarda l-ewwel tlett imputazzjonijiet, ma tressaq l-ebda xhud biex jispjega dwar din il-pjanca. Ghalhekk gia hemm incertezzi gravi dwar dan l-aspett u jekk dan jista' b'xi mod jitqies bhala prova, allura jaqa' fir-relm tal-provi indizzjarji;

11. Kif inhu palezement akkolt fil-gurisprudenza in rigward, "**circumstantial evidence is often the best evidence**" (R vs Taylor 21 CRM App R21 citat f'Pulizija vs Carmelo Busuttil App Krim 6.5.1961 u mhaddan fis-sentenza Pulizia vs Carmelo Ellul Sullivan App Krim 30.10.2001). "**Il-provi indizzjarji hafna darbi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' dawn iridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci**" (Il-Pulizija vs Emanneul Seisun App Krim 9.1.1998). Ugwalment ta' importanza hu s-segwenti monitu u kawtela li "**ghalkemm il-provi indizzjarji jiggeneraw certu suspett qawwi fil-konfront tal-appellant, is-suspett mhux prova**" (Pulizija vs

Mark Dimech  App Krim 30.4.09).  Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Cyrus Engerer** tat-8 ta' Mejju 2014 fejn il-Qorti ghamlet rassenja gurisprudenzjonali estensiva ta' dan l-aspett tal-prova fis-sistema penali taghna.  Il-Qorti ccitat a propositu l-insenjament ta' Pollock C.B li tista' tghid jigbor fih l-ingredjenti essenzjali ghal-evalwazzjoni tal-prova indizzjarja b'tixbieha verament idonea meta jghid:

*It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of seceral cords.  One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded toghether may be quite of sufficient strength.  Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of quilt with as much certainity as human affairs can require or admit of.*

12. Fis-sentenza appena citat, il-Qorti gabbret dan l-insenjament kollu f'paragrafu wiehed  bis-segwenti bran:

*Kwindi jidher car mill-kazistika imsemmija kif ukoll minn din il-kwotazzjoni li biex wiehed jasal li jikkonkludi li l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara **l-assjem** ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.  In oltre il-konkluzzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija <u>b'mod</u>*

*ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita' tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita'.*

13. Ezaminati l-fatti dwar din il-pjanca mill-ottika tal-esposizzjoni legali appena maghmula, l-provi huma ferm u ferm 'l hinn milli jippuntaw f'direzzjoni wahda. Dak li l-ewwel Qorti kellha quddiemha kien biss dikjarazzjonijiet dwar sejbien ta' pjanca, priva minn kull dettall iehor u dan sabiex ma jinghad xejn dwar n-nuqqas ta' prova minn hemm 'l quddiem sabiex jkun accertat 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni s-sejbien ta' dik il-pjanca kien ifisser b'mod konklussiv li l-imputat ghamel dak allegat fl-ewwel tlett imputazzjonijiet jew fi kliem iehor li jirrizultaw l-elementi kollha ravvizati f'dawk it-tlett imputazzjonijiet;

14. Illi ghalhekk l-Avukat Generali ma ghandux ragun fl-appell tieghu stante li l-konkluzzjoni raggunta mill-ewwel Qorti hija wahda ragjonevoli u skond il-ligi u konsegwentement qed ikun michud.